GUDJA

Minuti tas-sebgħa u tlettin laqgħa (it-tieni parti tal-laqgħa nru 35/6) tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Ħamis 01 ta' Diċembru 2011.

Preżenti:

Sindku: John Mary Calleja
Viċi-Sindku: Romeo Baldacchino
Kunsillieri: Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli

Preżenti ukoll:- Perit William Lewis

Skużat: Kunsillier: Osvaldo Pace

1. Approvazzjoni ta' minuti – 33/6 (05 t'Ottubru 2011)
   34/6 (24 t'Ottubru 2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja – Progress dwar il-bilanċ tal-pagamenti lill-kuntrattur.

5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar-Progress

6. Trasport Pubbliku – Progress

7. Konfini – Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja

8. Attivitajiet tal-Milied 2011 u l-Ewwel tas-Sena 2012:-
   a. Tiżjin u Dawl tat-toroq
   b. Attivita tal-bidu tas-sena 2012 – 07 ta' Jannar 2012

9. Youth Village fil-Gudja

10. Il-Volontarjat fil-Gudja

11 Binja fi Triq San Ċiru kantuniera ma' Triq Bettina Gudja – azzjoni mal-MEPA.

12. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti

c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

13. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku stieden lil Perit William Lewis sabiex jindirizza lill-Kunsill dwar ix-xogħlijiet fi Triq Ħal Resqun, Triq l-Awrekarja, Triq il-Kappillan u Triq William Baker u dwar in-nuqqasijiet tal-kuntrattur kemm fix-xogħol kif ukoll dwar id-dewmien li jispiċċa dan ix-xogħol wara d-data kif miftehma mal-Kunsill.

NB:- Item 1, 2 u 3 diġa ġew diskussi fl-laqgħa nru 35/6

**4.0 Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja – Progress dwar il-bilanċ tal-pagamenti lill-kuntrattur.**

4.1 Il-Kunsill qabel dwar Triq Ħal Resqun fejn jidher li qed jinżamm l-ilma f'xi postijiet jiddiskuti dan mar-residenti milquta u jkun jista' jara liema hija l-aħjar soluzzjoni dwar dan.

4.2 Dwar Triq l-Awrekarja l-Kunsill ikkonsidra d-dewmine mhux ġustifikat li l-kuntrattur dam sabiex jagħti l-asfalt anke meta x-xogħol fuq il-bankini kien tlesta wisq żmien qabel.

4.2 Dwar Triq il-Kappillan u Triq William Baker il-Kunsill qabel li ma kienx hemm ebda ġustifikazzjoni għad-dewmien eżaġerat u skużi banali li ġab il-kuntrattur. Il-Kunsil iddsikuta ukoll dwar li fi Triq il-Kappillan kien hemm ilment li qed izomm l-ilma.

4.3 Saret diskussjoni fuq dawn l-aspetti u l-Kunsill qabel li bħala l-ewwel konsiderazzjoni l-bilanċ ta' €36964.01 kif qed jippretendi l-Kunsill għandu jinżel b'€10,000.00 u wara li jiġi stmat sewwa kemm tista tkun l-ispiża sabiex issiru sewwa l-partijiet kemm fi Triq Ħal Resqun kif ukoll Triq il-Kappillan jerġgħu issiru l-kontijiet fid-dettal u spjegazzjonijiet meħtieġa sabiex il-Kunsill ikun assigurat li ħa l-valur mixtieq dear in-nefqa fuq dan il-proġett.

4.4 Bħala ġest ta' rieda tajba l-Kunsill qabel li jawtorizza il-pagament akkont ta' €18000.00 u li jkompli jiġi infurmat u jsegwi din il-materja kif ikun meħtieġ.

**5.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar- Progress**

5.1 Il-Perit Lewis spjega li nqalgħu xi diffikultatjiet dwar il-mains u xi affarijeit oħra u għalhekk dan il-proġett kellu jtawwal aktar milli kien maħsub.

5.2 Il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu dwar dan għal żewġ raġunijiet:- wieħed dwar l-inkonvenjent għar-residenti u l-ieħor dwar ir-riskju li l-Kunsill ma jingħatax il-finanzjamnt kif oriġinarjament miftiehem mal-Awtorita tad-Djar.

5.3 Il-Perit Lewis wieġeb illi dwar id-dewmien dwar il-mains huwa kien sejjer ikompli jinsisti flimkien mal-Kunsill sabiex il-WSC issib s-soluzzjoni u li x-xogħol ikun jista jkompli mingħajr waqfien u li dwar il-pagamenti mingħand l-Awtorita, l-Perit tal-Awtorita tad-Djar Perit Melanie Spiteri tinsab konxja li dan id-dewmien kien inevitabbli u ġustifikat u għalhekk resqet dan quddiem l-Awtorita tad-Djar u li din qable tli ttawwal iż-żmien miftiehem u li ma hemmx riskju dwar il-pagament mingħand l-Awtorita tad-Djar.

5.4 Il-Kunsill qabel li jkompli jsegwi dan il-Proġett mill-qrib sabiex jieħu l-passi meħtieġa fil-pront u jikseb il-progess meħtieġ fil-ħin.

NB:- Items 6 u 7 ġew diskussi fil-laqgħa nru 35/6

**8.0 Attivitajiet tal-Milied 2011 u l-Ewwel tas-Sena 2012:-**

**a. Tiżjin u Dawl tat-toroq**

**b. Attivita tal-bidu tas-sena 2012 – 07 ta' Jannar 2012**

8.1 Il-Viċi-Sindku ippreżenta l-programm ta' l-attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2012. Il-Kunsill approva dan il-programm kif ukoll l-finanzjament meħtieġa dwar dawn l-attivitajiet.

8.2 Il-Kunsill qabel li t-tiżjin u d-dwal fi Triq Raymond Caruana jibda f'Diċembru 2011 u dwar dan awtorizza l-ħlas ta' €1110.00 għal każin tal-banda Soċjeta Filarmonika La Stella u l-ħlas ta' €1110.00 għal każin tal-banda Għaqda Mużikali Marija Assunta u li dan il-ħlas ikun kompressiv li jinkludi l-konsum, spejjeż tal-meter u konsum kif ukoll kull ħsara li tsta ssir tkun għal kull każin rispettiv.

8.3 Dwar l-attivita maħsuba għal bidu tas-sena u li kienet l-ewwel maħsuba għas-07 ta' Jannar 2012 u li mbagħad resqet għat-08 ta' Jannar 2012 din tista ma ssirx peress li l-Kunsill ma rċeviex risposta dwar il-finanzjament għalkemm għamel l-applikazzjoni tiegħu taħt Cultural Events Initiative Scheme for Local Councils mill-25 t'Awwissu 2011.

8.4 Il-Kunsill qabel li jagħmel stħarriġ dwar il-finanzjament mitlub u jitlob li din l-attivita tiġi posposta għal April 2012.

8.5 Is-Sur Baldacchino informa l-Kunsill dar it-tiżjin tal-Housing Estate tal-Mitħna li għalkemm ma jużax enerġija xorta waħda iżejjen dawn l-inħawi u dwar dan xtaq għan-nom tal-Kunsill jirringrazzja lill-voluntier is-Sur Charles Zammit għall-ħidma tiegħu sabiex iżejjen dawn l-inħawi għal dawn iż-żminijeit tal-festi.

**9.0 Youth Village fil-Gudja**

9.1 Dwar din it-tema tkellem is-Sur Sammut li qal li tkun idea tajba li l-Kunsill ikollu din l-attivita fuq bażi annwali u li tista' tanke tkun anke fuq livell Ewropew u fejn jistgħu joħolqu skambju bejn iż-żgħażagħ.

9.2 Il-Kunsill qabel li jkun hemm aktar ħidma dwar dan u fejn wera x-xewqa li jiġu nvoluti ż-żgħażagħ li jaħdmu fl-oqsma diversi bħal baned u soċjetajiet ui gruppi oħra fid-diversita' kollha tagħhom għal-ġid tal-Gudja.

9.3 It-Tema annwali tal-Youth Village tinbidel kull sena u b'hekk din l-attivita tista' tiġbed aktar popolarita u interess u tagħmel isem tajjeb għall-Gudja.

## 10.0 Il-Volontarjat fil-Gudja

10.1 Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni dwar l-parteċipazzjoni fl-attivita ta' JChallenge fil-Gudja li din l-attivita kellha l-iksiop li tiċċelebra s-sena tal-volontarjat.

10.2 Fil-fehma tal-Kunsill din kienet attivita li għalkemm l-elementi ma tantx kienu favorevoli , xorta waħda kien hemm konkorenza. Il-Kunsill ħass li JChallenge kienet esperjenza ġdida għal-Kunsill li jaħdem ukoll ma' grupp ta' żgħażagħ li żgur jixtiequ l-ġid għal-Gudja. Il-Kunsill għandu bżonn tal-ħidma tal-volontarjat u lest li jaħdem aktar fil-qrib ma' l-għaqdiet kollha tal-Gudja kemm jekk baned kif ukoll għaqdiet Parrokkjali, Sportivi li jaħdmu għal Gdi tal-Gudja u nies tal-Gudja.

## 11.0 Binja fi Triq San Ċiru kantuniera ma' Triq Bettina Gudja – azzjoni mal-MEPA.

11.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-azzjoni li ħa l-Kunsill mal-MEPA sabiex jitneħħa l-periklu u li jkun hemm ambjent aħjar.

11.2 Jidher li sar progress peress li l-ħajt ġie mressaq lura iżda għad fadal xi perikolu u inkonvenjent peress li dan is-sit jinsab mitluq.

11.3 Il-MEPA intalbet ukoll sabiex tara li tiġi osservata l-liġi u li dan il-bini m'għandux itawwal u jkollu l-inkonvenjent serju kemm għal ġirien kif ukoll għal Gudja b'mod ġenerali.

## 12.0 Finanzi

12.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva in-nefqa ta' €58.91 kif ippreżentata lill-Kunsill

12.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xhur ta' Ottubru u Novembru 2011 għas-somma ta' €39260.62 ġiet approvata kif ippreżentata wara li ġew mwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda tal-pagamenti.

12.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u nefqa kif indikata f'dawn il-minuti.

12.3.1 Il-Kunsill qabel li joħroġ sejħa għal dawn ix-xogħlijiet:-

a. kuntrattur sabiex jimla u jsewwi ħofor relativament żar.

b. kuntrattur sabiex jagħmel major patching u resurfacing u bankini

c. kuntrattur għal xogħolijiet ta' manutenzzjoni u xogħol ieħor sew fuq ġewwa u fuq barra li jkun meħtieġ mill-Kunsill

Il-Perit William Lewis sejjer jipprepara dawn id-dokumenti qabel tiġi ippubblika s-sejħa għal dawn l-offerti.

## 13.0 Għeluq tal-laqgħa

13.1 Konferenza stampa dwar Pelican Lights fi Triq Ħal Resqun sabiex taqsam għall-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Is-Sindku qal li l-għan ta' din il-konferenza stampa kellha l-għan sabiex it-talba tal-Kunsill dwar il-ħtieġa ta' dawn il-Pelican Lights ikollha aktar forza.

Il-Viċi-Sindku Sur Baldacchino u l-Kunsillier MA Sammut u T Dalli qalu li filwaqt li huma favur li jsiru dawn il-Pelican Lights u li għamlu ħafna sabiex dawn il-Pelican Lights malajr kemm jista ikun iżda ma qablux mal-mod kif is-Sindku ħa deċiżjoni li jsejjaħ din il-konferenza stampa mingħajr ma dan informal ill-Kunsill jew l-kunsillieri u sfortunatament, minħabba impenji oħra ma setgħux ikunu preżenti għal din il-konferenza stampa.

Dawn il-Kunsillieri stqarru li l-affarijiet setgħu issiru b'aktar ippjanar u jkun hemm kommunikazzjoni aħjar bejn s-Sindku u l-Kunsillier għax il-mod li ġiet msejħa din il-konferenza stampa u kif ġew infurmati l-Kunsillieri tista' iġġib nuqqas ta' ftehim u tfixkel il-ħidma kollettiva tal-Kunsill.

Dawn il-Kunsillieri urew ukoll ix-xettiċiżmu tagħhom dwar l-effett pożittiv li setgħet ikollha din il-konferenza stampa peress li TM kienet diġa bdiet bl-istaħarriġ tagħha dwar it-talba tal-Kunsill dwar dawn il-Pelican Lights.

13.2 Quarterly Financial Reports – 3 xhur minn April sa Ġunju 2011 u 3 xhur minn Lulju sa' Settembru 2011

Il-Kunsill ra u approva dawn il-Financial Statements u qabel li wara li jiġu iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiġu ppreżentati lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali .

***Aġġornament***

Il-laqgħa għalqet fit-8.45p.m. wara li ġiet aġġornata għat-Tlieta 20 ta' Diċembru 2011 fil-5.30p.m. fuq agenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati: _______________